

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Bourke, F. Ronkes Agerbeek u P. Van Nuffel, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 8682 finali, tal-11 ta' Novembru 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38589 – Stabilizzaturi Termiċi), jew, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Reagens SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 80, 27.03.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Mejju 2014 – McBride *et vs* Il-Kummissjoni

(Kawża magħquda T-458/10 sa T-467/10 u T-471/10) ⁽¹⁾

(“Sajd — Miżuri ta’ konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd — Ristrutturazzjoni tas-settur — Applikazzjonijiet għal żieda tal-għanijiet tal-programm ta’ gwida multiannwali intiż biex itejjeb is-sigurtà abbord — Applikazzjoni tal-Irlanda dwar diversi bastimenti — Deċiżjoni meħuda wara l-annullament mill-Qorti tal-Ġustizzja tad-deċiżjoni inizjali dwar l-istess proċedura — Deċiżjoni ġdida ta’ ċaħda — Inkompetenza tal-Kummissjoni”)

(2014/C 202/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Peter McBride (Downings, l-Irlanda) (Kawża T-458/10); Hugh McBride (Downings) (T-459/10); Mullglen Ltd (Largy, l-Irlanda) (T-460/10); Cathal Boyle (Fiafannon, l-Irlanda) (Kawża T-461/10); Thomas Flaherty (Kilronan, l-Irlanda) (Kawża T-462/10); Ocean Tawlers Ltd (Killybegs, l-Irlanda) (Kawża T-463/10); Patrick Fitzpatrick (Killeany, l-Irlanda) (Kawża T-464/10); Eamon McHugh (Killybegs) (Kawża T-465/10); Eugene Hannigan (Killybegs) (Kawża T-466/10); Larry Murphy (Castletownbere, l-Irlanda) (Kawża T-467/10); Brendan Gill (Lifford, l-Irlanda) (Kawża T-471/10) (rappreżentanti: inizjalment A. Collins, SC, N. Travers, barrister, u D. Barry, solicitor, sussegwentement N. Travers, D. Barry u E. Barrington, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: fil-Kawża T-458/10 sa T-467/10, inizjalment K. Banks, A. Bouquet u A. Szmytkowska, sussegwentement A. Bouquet u A. Szmytkowska, aġenti, assistiti minn B. Doherty, barrister, u, fil-Kawża T-471/10, A. Bouquet u A. Szmytkowska, assistiti minn B. Doherty)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C (2010) 4758, C (2010) 4748, C (2010) 4757, C (2010) 4751, C (2010) 4764, C (2010) 4750, C (2010) 4761, C (2010) 4767, C (2010) 4754, C (2010) 4753 u C (2010) 4752, tat-13 ta' Lulju 2010, li jiċħdu l-applikazzjonijiet ippreżentati mill-Irlanda sabiex jiżiedu l-għanijiet tal-Programm ta' Gwida Multiannwali IV għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1997 sal-31 ta' Diċembru 2001 sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni t-titjib fil-qasam tas-sigurtà fir-rigward tal-bastimenti Peadar Elaine II, Heather Jane II, Pacelli, Marie Dawn, Westward Isle, Golden Rose, Shauna Ann, Antartic, Niamh Eoghan, Menhaden u Brendelen, li jappartjenu rispettivament lil P. McBride, lil H. McBride, lil Mullglen, lil C. Boyle, lil T. Flaherty, lil Ocean Tawlers, lil P. Fitzpatrick, lil E. McHugh, lil E. Hannigan, lil L. Murphy u lil B. Gill, adottati wara l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/245/KE, tal-4 ta' April 2003, dwar l-applikazzjonijiet li rċeviet il-Kummissjoni sabiex iżżid l-għanijiet tal-PGM IV bil-għan li jiġu mtejbja s-sigurtà, in-navigazzjoni fuq il-baħar, l-iġjene, il-kwalità tal-prodotti u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-bastimenti ta' tul ġenerali ta' iktar minn tnax-il metru (ĠU L 90, p. 48), permezz tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' April 2008, Flaherty *et vs* Il-Kummissjoni (C-373/06 P, C-379/06 P u C-382/06 P, Ġabra p. I-2649) u tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ġunju 2006, Boyle *et vs* Il-Kummissjoni (T-218/03 sa T-240/03, Ġabra p. II-1699).

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C (2010) 4758, C (2010) 4748, C (2010) 4757, C (2010) 4751, C (2010) 4764, C (2010) 4750, C (2010) 4761, C (2010) 4767, C (2010) 4754, C (2010) 4753 u C (2010) 4752, tat-13 ta' Lulju 2010, li jiċħdu l-applikazzjonijiet ippreżentati mill-Irlanda sabiex jiċiedu l-għanijiet tal-Programm ta' Gwida Multiannwali IV għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1997 sal-31 ta' Diċembru 2001 sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni t-titjib fil-qasam tas-sigurtà fir-rigward tal-bastimenti tar-rikorrenti huma annullati.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 328, 04.12.2010

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Mejju 2014 – Adler Modemärkte vs UASI – Blufin (MARINE BLEU)

(Kawża T-160/12) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali MARINE BLEU — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti BLUMARINE — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2014/C 202/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Adler Modemärkte AG (Haibach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

Konvenuti: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: D. Walicka u G. Schneider, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Blufin SpA (Carpi, l-Italja) (rappreżentant: F. Caricato, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Frar 2012 (Każ R 1955/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Blufin SpA u Adler Modemärkte AG.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Adler Modemärkte AG hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha stess, kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni).*
- 3) *Blufin SpA għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess.*

⁽¹⁾ ĠU C 184, 23.06.2012.